MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-23 ta' April, 2007

Numru 232/2007

Il-Pulizija
(Spettur Anthony Portelli
Spettur Pierre Micallef Azzopardi)

vs

Christopher Azzopardi
Tony Farrugia

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputati Christopher Azzopardi u Tony Farrugia detenturi ta' karta ta' identita' numru 303177(M) u 379182(M) rispettivament, akkuzati talli:

Nhar is-7 ta' Marzu 2007 ghal habta tas-6:30 ta' fil-ghaxija, gewwa l-Belt Valletta, bil-hsieb li jaghmlu delitt ta' offiza gravi fuq il-persuna, wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi tefghu diversi

flixken tal-hgieg fid-direzzjoni ta’ diversi ufficjali tal-pulizija u nies ohra, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti taghhom;

Fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li agixxa ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti.

Fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, hadu parti f’gemgha ta’ ghaxra minn nies jew aktar, migubrin bil-hsieb li jaghmlu reat, ghalkemm dik il-gemgha ta’ nies ma tkun giet mxewxa minn hadd in partikolari;

Fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, ingurjaw jew heddew, jew ghamlu offiza fuq il-persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

Fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, minghajr ma darbu jew sawtu, heddu bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin (flixken tal-hgieg), jew waddbuhom jew qabdu armi ohra kontra diversi membri tal-Korp tal-Pulizija kif ukoll nies ohra;

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, b’xi mod iehor mhux imsemmi band’ohra f’dan il-Kodici, kisru volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.
Semghet lill-imputati jirregistraw ammissjoni fl-liema ammissjoni baqghu jippersistu anke wara li l-Qorti taghthom zmien jirrikonsidraw;

Fuq tali ammissjoni volontarja u nkondizjonata ssibhom hatja. Rat l-Artikolu 216, 96, 95, 338(dd), 339, 17 tal-Kap 9. Qieset ic-cirkostanzi kollha. Tiddeciedi li tilliberahom bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal perjodu ta’

tlett snin kull wiehed bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor f’dan il-perjodu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------